Maltin. Mela l-ħares ma satax ikun Tork (u ma nafx jekk it-
**Torok** jemmnux bih); lanqas kien Għarbi għax, kif għedna, dawn
iż-żewġt iġnus mhumiex suwed, għalhekk ma satax ikun ħlief
*ħliega* li daħlet f'imħuħ morda u beżżiegħa u dawn meta jgħidu
li raw il-ħares ma jkunux raw ħlief dak li ħoloq moħħom.

---

## JIEN, MIN JIEN?

*Ta'* Ġużè Galea

Versi nikteb, m'iniex poeta,
Fqajjar jien, t'għani ngħaddiha,
Minn tal-għaks, tal-ġid, tal-hena,
Ta' dawn f'daqqa qisni xbieha.

Bniedem jien minn ta' kbir għaġeb;
Lili ħadd ma jifhem sewwa;
Għalkemm wiċċi donnu mqarras,
Ma' kulħadd nimxi bil-ħlewwa.

Ma' l-hemm f'qalbi, il-ferħ igħammar,
F'moħħi dawl u dlamijiet
U minn fommi dlonk joħorġu
Kliem il-għerf u ħmerijiet.

Minn xi wħud imfaħħar ħafna,
Minn oħrajn naqla' tmaqdir,
Min jitwarrab 'il bogħod minni,
Min ħabibi jrid isir.

Jien bħal blata f'nofs ta' baħar
Minn dan nieħu bews, taħbit
Jien lil ħajti qed ngħaddiha
Fil-mistrieħ u fit-tislit.

Lil min jifhem lili sewwa
U jnebbahni jien min jien
B'raġel għaref jien inżommu
F'qalbi ngħożżu bla dewmien.



## Laqgha Akkademika

Il-''Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'' fit-22 ta' Diċembru, 1946, għamlet Laqgħa Akkademika li nexxiet tassew. F'din il-laqgħa wieħed ma setax ma jinnotax id-demm ġdid li dejjem dieħel fil-''Għaqda'' u l-interess ħaj li jieħdu l-membri akkademiċi għall-iżvilupp tal-Lsien Malti.

Fetaħ il-Laqgħa l-President tal-''Għaqda'', Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H., li fi ftit kliem meqjus u miżun tajjeb, fisser il-ħidma kbira fil-qasam letterarju li l-Għaqda għamlet u għadha qed tagħmel għall-ġid ta' lsienna u wera kemm għad baqgħalna xogħlijiet u attivitajiet xi nwettqu għall-ġid ta' lsienna.

Is-Segretarju qara ittra ta' Miss May Butcher dwar ir-rqaqat fil-kitba Maltija, u s-Sur Ivo Muscat-Azzopardi qara ittra oħra li tmaqdar bil-qawwa kollha l-ortografija ħażina li xi drabi niltaqgħu magħha f'pubblikazzjonijiet bil-Malti.

Inqraw xogħlijiet ta' proża u poeżija li ngħoġbu ħafna. Is-
Sur Nin Cremona qara ''Ittra fuq l-Etimoloġija tal-kelma 'Qar-
weż' ''; Dun Frans Camilleri, ''Ruħ il-Poeta'' (poeżija); il-
Kapt. J. E. Busuttil, ''It-Testment'' (poeżija) u ''Bjaġju Im-
**broll'' u ''Il-Pastizz u l-kantuniera''** (poeżiji ta' Ċensu Busuttil);
Patri Valentin Barbara, O.P., ''Ġetsemani'', ''Ix-Xewk'', ''Fuq
**il-Kalvarju'' (poeżiji); Dr.** Anton Buttigieg, LL.D., ''Il-Maqdes
ta' Venus'', ''Il-Passiġġata'', ''Ġol-Ħondoq' (poeżiji); Jos. Ga-
lea, ''Malta kienet bagħtet ukoll Ambaxxatur għall-Konċilju ta'
Trento''; Ġużi Mallia, traduzzjoni mill-''Garden of Allah'';
Marju Agius, ''X'nobgħod''; ''Nikol Biancardi, ''Mara ta' Art
Oħra'' (novella); Erin Serracino-Inglott, ''Lill-Mewt'', ''Sunet-
ti tal-Gwerra''. ''L-Evanġelju tal-Midneb'' (poeżiji); Dr. Ġużè
Galea, M.D., D.P.H., ''Jien, min jien?'' (poeżija)).

---